EDIZZJONI SPEĊJALI

# SPORTIV

l-orizzont




# IL-FAŻI FINALI TAL-EURO 2020™


PAY ANYONE
FROM ANYWHERE
Banking at your fingertips with the BOV Mobile App
PAYMENTS
Move Money between Accounts
Pay a Bill
Mobile to Mobile Payment
Mobile Top up
Pay Third Party
My Financials
Payments
Pending
More
GET IT ON Google Play
Download on the App Store
Talk to us | 2131 2020 | bov.com
BOV mobile
Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130. Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

# EDITORJAL SPORTIV

#158
ĠUNJU 2021






Wara assenza ta' ftit xhur, dan ix-xahar qiegħed jerġa' jirritorna l-magazine favorit tagħkom li jagħti ħarsa lejn l-isport lokali u internazzjonali. Kif inhu xieraq, f'din l-edizzjoni se nagħtu ħarsa qabel xejn u kemmxejn estensiva lejn il-kampjonati Ewropej tal-football li se jibdew ftit tal-jiem oħra. L-informazzjoni fil-magazine żgur se sservi bħala linja gwida għal dawk kollha li se jkunu qegħed isegwu dawn il-kampjonati. Ma nonqsux ukoll li nwasslu informazzjoni dwar l-inizjattivi li ttieħdu fl-aħħar xhur mill-gvern fil-qasam sportiv.

F'artikli oħra jkollna informazzjoni dwar l-ibburdjar. Ma jonqsux ukoll ir-rubriki l-oħra ta' kull xahar. Dan kollu jagħmel il-magazine Sportiv l-għażla tagħkom. Ħajr dejjem imur lejn il-kollegi, kontributuri u fotografi ta' diversi entitajiet li jkomplu jagħmlu dan il-magazine aktar interessanti. Flimkien inkomplu naħdmu biex Sportiv...jibqa l-uniku u l-aqwa magazine ta' kull sportiv Malti u Għawdxi.

*Kenneth Vella*
*kennethvella@hotmail.com*
*sportiv@unionprint.com.mt*




SPORTIV huwa ppubblikat u stampat minn Union Print Co. Ltd., Malta

Dan il-magażin jingħata b'xejn mal-gurnal L-Orizzont u l-ebda parti minnu ma' tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.

Disinn: Ryan Bezzina - design@unionprint.com.mt

Avviżi: adverts@unionprint.com.mt

# TISĦIĦ BLA PREĊEDENT U KOLLETTIV FL-ISPORT U L-ATLETI MALTIN




# IL-GVERN TA' SPALLA GĦALL-ATLETI U L-ISPORT MALTI

Il-pandemija COVID-19 sqiet lid-dinja togħma morra li affetwat lil ħafna setturi inkluż lis-settur tal-isport. Minkejja l-ostakli li ppreżentat l-imxija, f'pajjiżna, il-ħidma fis-settur sportiv mill-Gvern, mis-Segretarjat għall-Isport, Rikreazzjoni u Organizzazzjonijiet Volontarji u SportMalta, kompliet għaddejja ġmielha. Din il-ħidma nibtet kemm f'dak li għandu x'jaqsam f'xogħlijiet infrastrutturali tal-ogħla livell f'faċilitajiet sportivi, kif ukoll f'dak li għandu x'jaqsam fit-tisħiħ tal-integrità tal-isport f'pajjiżna. Dan kollu seħħ biex l-atleti Maltin u Għawdxin ikomplu jimirħu fid-dixxiplini rispettivi tagħhom u isem pajjiżna fl-isport ikompli jeleva ruħu lokalment kif ukoll internazzjonalment.



# NIKTBU L-ISTORJA

## - SPECIAL OLYMPICS 2022 F'MALTA GĦALL-EWWEL DARBA

**Fl-aħħar xhur, isem pajjiżna kompla jikkonsolida postu fuq il-mappa internazzjonali tal-isports. Fil-fatt, Mejju tal-2022 se jkun wieħed storiku għal Malta fil-qasam sportiv, hekk kif għall-ewwel darba fl-istorja ta' pajjiżna, se nkunu qed nospitaw l-edizzjoni tal-logħob ta' Special Olympics jew kif inhi magħrufa aħjar bħala "l-festa tal-għaqda".**

Ir-reputazzjoni tal-atleti Maltin fil-logħob ta' Special Olympics, li jammontaw għal mijiet ta' atleti Maltin, hija mibnija fuq storja ta' suċċessi, mimlija sagrifiċċji u dedikazzjoni. Fl-aħħar 20 sena, l-atleti Maltin u Għawdxin li pparteċipaw f'dawn il-logħob ġabu lejn pajjiżna aktar minn 300 midalja u għalhekk biex għamlu dan l-avveniment l-iktar wieħed ta' suċċess għal pajjiżna.

Dan l-avveniment ta' portata mondjali, huwa wieħed speċjali, hekk kif iżżewweġ u jgħaqqad l-isport mal-prinċipju tal-inklużjoni, prinċipju li pajjiżna ilu snin jaħdem qatigħ biex ikompli jsaħħaħ. Dan ikkonfermah ukoll il-President ta' Special Olympics Europe Eurasia David Evangelista, fejn qal li "Malta tinsab lesta biex tidħol f'era ġdida ta' inklużjoni."

Fl-aħħar xhur rajna wkoll il-kontribuzzjoni finanzjarja tas-somma rekord ta' €420,000 li SportMalta tat lill-Kumitat ta' Special Olympics.



Permezz ta' din l-ikbar injezzjoni finanzjarja, l-atleti ta' Special Olympics Malta se jkunu jistgħu jkomplu jipparteċipaw fil-Logħob Internazzjonali tal-Olimpjadi Speċjali u anke f'training camps barra minn xtutna. Barra minn hekk, permezz ta' dawn il-fondi, Special Olympics Malta se tkun qed tinvesti f'kits u apparat li jkollha bżonn minn żmien għal żmien.

Dawn il-ftehimiet storiċi jkomplu jsaħħu u jikkonfermaw l-impenn tas-Segretarjat u tas-Segretarju Parlamentari Clifton Grima fl-isport Malti fejn se jkunu qed jagħtu lis-settur tal-isports u lill-atleti Maltin l-entużjażmu neċessarju wara t-tbatijiet tal-pandemija.




# INSAĦĦU L-INTEGRITÀ TAL-ISPORT B'AWTORITÀ ĠDIDA

**MATUL L-AĦĦAR SNIN U XHUR, IS-SEGRETARJAT GĦALL-ISPORT, RIKREAZZJONI U ORGANIZZAZZJONIJIET VOLONTARJI KOMPLA JINTENSIFIKA L-ĦIDMA TIEGĦU FL-ISPORT MALTI. DAN SEĦĦ MHUX BISS F'XOGĦLIJIET INFRASTRUTTURALI TAL-GĦOLA STANDARDS IŻDA ANKE FIT-TISĦIĦ TAL-GOVERNANZA FL-ISPORT PERMEZZ TAL-INTEGRITÀ.**

Fil-bidu tas-sena, tnediet konsultazzjoni pubbliku rigward l-Awtorità dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport Malti (AIMS). L-Awtorità se tkun ifformulata mill-integrazzjoni tan-National Anti-Doping Organisation (NADO Malta), il-Unit tal-Integrità tal-Isport, u r-Reġistru għall-Persuni fl-Isport. Din l-Awtorità, minkejja ġdida, se tkun qed tkompli tibni b'kontinwità fuq is-seba' pilastri tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Isport li huma, Edukazzjoni, Parteċipazzjoni u Kwalità tal-Ħajja, Faċilitajiet Sportivi, Industrija Sportiva, Għawdex, Integrità, u Prestazzjoni Għolja.

L-Awtorità se tkun qed tiżgura li jkun protett l-isport kollettivament, bl-objettivi kardinali jkunu l-kredibiltà, it-trasparenza, il-kontabilità, l-edukazzjoni u t-tmexxija fis-settur sportiv. Xogħol din l-Awtorità, se jkun li teduka lit-tfal u żgħażagħ tagħna sabiex ikunu kapaċi jgħarfu l-qerq li jifga l-isport lokali. Uħud mill-miżuri li se jkunu qed jidħlu fis-seħħ jinkludu tisħiħ tas-sistema anti-doping. Kif ukoll komunikazzjoni akbar ma' diversi entitajiet kemm fuq livell nazzjonali u fuq livell internazzjonali.

Din l-Awtorità mhux biss se taċċerta li tkun issalvagwardjata l-integrità iżda se ssaħħaħ l-istrutturi u l-proċessi sportivi biex dak kollu li jhedded it-trasparenza u l-element tal-logħob ġust fl-isport jiġi miġġieled bl-aktar mod b'saħħtu. Dan ma jistax isir mingħajr il-kontribut validu ta' diversi setturi, inkluż SportMalta, Korp tal-Pulizija, l-Awtorità Maltija tal-Gaming u l-Kumitat Olimpiku Malti. Fil-fatt, din il-pjattaforma se tkun qed tiġġieled bis-sħiħ problemi bħalma huma l-manipulazzjoni ta' kompetizzjonijiet u avvenimenti sportivi, il-korruzzjoni f'kull forma u f'kull livell, u anke l-problema tad-doping. L-AIMS se tkun qed timbotta sabiex tassigura li kull dixxiplina sportiva tkun integrà u fuq kollox tiġbed leja il-fiduċja u l-ammirazzjoni tal-pubbliku in ġenerali.

Jeżisti qbil unanimu fiċ-ċrieki sportivi li huwa kruċjali li minn età żgħira t-tfal tagħna jitgħallmu li biex wieħed jikseb suċċess, wieħed irid jaħdem, jirsisti u jistinka. Se tkun din il-linja gwida li fuqha timxi din l-awtorità. B'dan kollu jkun hemm dik il-qabża ta' kwalità li taċċerta legat għall-isportivi kurrenti kif ukoll għall-ġenerazzjonijiet futuri.



Photo: DOI - ...

# SOMMA REKORD TA' €2.7 MILJUN LILL-KUMITAT OLIMPIKU MALTI



**Permezz ta' SportMalta, is-Segretarjat għall-Isport, Rikreazzjoni u Organizzazzjonijiet Volontarji, kompla s-sostenn finanzjarju tiegħu fl-atleti Maltin biex jgħin fil-preparazzjoni tal-atleti, speċjalment f'kompetizzjonijiet kbar. Dan huwa rifless fis-somma rekord ta €2.7 miljun li f'Marzu li għadda ngħatat lill-Kumitat Olimpiku Malti mifruxa fuq perjodu ta' 4 snin.**

Dan l-investiment massiċċ se jkun qiegħed ipoġġi lill-Kumitat f'pożizzjoni aħjar u aktar indipendenti li jistabbilixxi minn qabel x'fondi għandu disponibbli biex jgħin lill-atleti Maltin u Għawdxin qabel ma jirrappreżentaw lil pajjiżna f'kompetizzjonijiet mondjali.

Dan il-ftehim qed ikopri wkoll sussidju totali fuq il-kera tal-uffiċini użati mill-Kumitat Olimpiku Malti, sussidju totali fuq il-kera tal-Functional Diagnostic Lab tal-Kumitati Olimpiku Malti u qed tagħti memberships għall-gym fil-Kumpless Sportiv Tal-Qroqq għall-użu tal-atleti tas-selezzjonijiet nazzjonali nominati mill-Kumitat Olimpiku Malti.

Imvestiment bħal dan se jgħin biex il-pjanijiet sportivi għall-atleti tagħna jkunu sostennibbli, proattivi u ppjanati fit-tul. Ċertament li dan l-approċċ se jwassal biex pajjiżna, permezz tal-atleti Maltin u Għawdxin jikseb aktar riżultati prestiġjużi f'kompetizzjonijiet kbar.

Dan l-investiment finanzjarju, li se jservi bħala spinta u preparazzjoni għall-atleti Maltin qabel il-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar f'Malta fis-sena 2023, jikkonferma kemm il-Gvern huwa ta' spalla għall-atleti u l-organizzazzjonijiet sportivi.



# KBURIN BL-ATLETI LI QED JGĦOLLU ISEM PAJJIŻNA BARRA MINN XTUTNA

**PAJJIŻNA, MINKEJJA Ċ-ĊOKON TIEGĦU FID-DAQS, DEJJEM IRNEXXIELU JĦALLI L-MARKA TA' ISMU FUQ IL-MAPPA SPORTIVA TAD-DINJA. XHIEDA TA' DAN HUMA S-SUĊĊESSI LI L-ATLETI MALTIN U GĦAWDXIN QEGĦDIN JIKSBU BARRA MINN XTUTNA F'NUMRU TA' DIXXIPLINI SPORTIVI.**

Huwa ta' sodisfazzjon u unur kbir li fuq il-midja lokali u internazzjonali tisma' kif numru ta' sportivi Maltin qegħdin jagħmlu isem sabiħ għal pajjiżna jew saħansitra qed jiddominaw id-dixxiplina sportiva li huma jilagħbu fiha.

Ftit tal-jiem ilu għadna kemm rajna lill-plejer femminili, Haley Bugeja, tiddomina l-kampjonat Taljan tan-nisa tas-Serie A ma' Sassuolo. Bugeja, prodott ta' Mġarr United u li għandha biss 17-il sena, fl-ewwel staġun tagħha barra minn xtutna spiċċat fil-quċċata tal-aktar plejers li skurjaw għat-tim tas-Sassuolo, bi 12-il gowl. Is-suċċess ta' Bugeja ma waqafx hawn. Hekk kif fl-aħħar jiem, rebħet l-unur tal-Aqwa Plejer Żagħżugħa tas-Serie A tan-nisa.

Fl-isport akkwatiku, pajjiżna wkoll naqqax ismu u kkonferma li jista' jħabbatha ma' pajjiżi ferm akbar minnu. Xhieda ta' dan hija l-kwalifikazzjoni storika li pajjiżna kiseb permezz tat-tim nazzjonali tal-waterpolo ta' taħt il-15-il sena. B'rebħa kontra Slovenja u draw kontra Franza, iż-żgħażagħ Maltin ikkonsolidaw posthom fl-ewwel post tal-klassifika.

Din il-kwalifikazzjoni tfisser li fi ftit ġimgħat oħra l-benjamini Maltin se jkunu fi triqithom lejn il-Portugall biex jirrappreżentawna fil-Kampjonat Ewropew tal-Waterpolo. Plejer tal-waterpolo ieħor li wkoll qiegħed ipoġġi isem pajjiżna fuq il-mappa tal-isport akkwatiku huwa Jake Muscat. Muscat, preżentament jilgħab fil-Montenegro ma' PVK Jardan, fejn kellu prestazzjonijiet mill-aqwa mat-tim tiegħu, u saħansitra kien wieħed mill-aqwa plejers fl-ilma.

Fl-aħħar xhur rajna lit-tim nazzjonali Malti tal-futbol b'wirjiet qalbiena u impekkabbli fil-grawnd. Ir-riżultati miksuba wasslu biex pajjiżna javvanza numru ta' postijiet fil-FIFA World Ranking, biex bħalissa qegħdin nokkupaw il-175 post. Kien ukoll ta' sodisfazzjon li wieħed jara żgħażagħ Maltin jagħmlu d-debutt tagħhom u jilbsu bi kburija il-flokk ta' Malta.

Pajjiżna sar jissemma wkoll f'dixxiplini sportivi oħrajn bħall-weightlifting. Aktar kmieni din is-sena, Tenishia Thornton, atleta Maltija ta' 15-il sena, niżżlet isimha fost l-aqwa 10 atleti fl-isport tal-weightlifting. Dan ir-riżultat kien l-aqwa wieħed li pajjiżna qatt ksieb fl-Kampjonati Ewropej.

Jidher biċ-ċar li kwalunkwe investiment dirett li sar u li se jkompli jsir fl-isport u fl-atleti Maltin qiegħed iħalli l-frott meħtieġ. Huwa propju għas-suċċessi msemmija hawn fuq li l-Gvern huwa kommess li jkompli jinvesti fl-isport Malti u fl-atleti tagħna.



# INVESTIMENT TA' €1.3 MILJUN F'FAĊILITÀ TAT-TENNIS STATE-OF-THE-ART - VIŻJONI BIEX NOSPITAW IL-LOGĦOB TAL-PAJJIŻI Ż-ŻGĦAR FL-2023

**BIEX PAJJIŻNA VERAMENT IĦABBATHA MA' PAJJIŻI AKBAR MINNU FEJN JIDĦOL L-ISPORT, JEĦTIEĠ IL-BŻONN LI NKOMPLU NINVESTU F'FAĊILITAJIET SPORTIVI TA' LIVELL GĦOLI. DAWN IT-TIP TA' INVESTIMENTI HUMA Ċ-ĊAVETTA BIEX L-ATLETI MALTIN JIPPERFEZZJONAW U JTEJBU L-ĦILIET SPORTIVI TAGĦHOM, FILWAQT LI JAGĦTU LOK BIEX PAJJIŻNA IKUN KAPAĊI JIMRAĦ AKTAR F'DAK LI GĦANDU X'JAQSAM TURIŻMU SPORTIV BĦALL-ATTRAZZJONI TA' ATLETI BARRANIN PROFESSJONALI U KOMPETIZZJONIJIET U AVVENIMENT INTERNAZZJONALI LEJN MALTA.**



Sa mill-ewwel ġurnata, dan il-ħsieb kien fuq quddiem nett tal-aġenda ta' SportMalta. L-impenn huwa wieħed ċar, dak li nemmnu fih irridu ndawwruh bil-fatti f'ħidma għas-settur sportiv u l-atleti tagħna.

Fil-fatt, l-investiment bla preċedent li ngħata bidu fuq iċ-Ċentru Nazzjonali tat-Tennis f'Pembroke b'injezzjoni finanzjarja ta' €1.3 miljun huwa parti minn viżjoni li se tipprepara lil pajjiżna biex ikun jista' jospità l-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar tal-Ewropa fl-2023.

Il-proġett taċ-ċentru tat-tennis se jkun maqsum f'żewġ fażijiet. L-ewwel fażi se tara l-bini ta' sitt tennis courts li se jinkludu xogħlijiet ta' tħaffir, tal-elettriku, asfaltar tal-art, fencing mal-madwar u parkeġġ għall-karozzi. Il-court prinċipali se jkollu wkoll stands għall-ispettaturi u anke changing rooms. It-tieni fażi se tara l-kostruzzjoni ta' tennis house li se tinkludi uffiċini, boardroom, physio room, gym, lounge u store.
Matul l-aħħar snin, il-Gvern aċċerta li l-investiment sportiv fil-Marsa ma jonqosx. Fil-fatt bħalissa għaddejjin ġmielhom ix-xogħlijiet fuq il-binja magħrufa bħala '1903' u l-proġett tal-fencing li jdawwar il-faċilitajiet sportivi fil-Marsa. Dan kollu qiegħed isir b'investiment b'saħħtu ta' €600,000.
Din il-binja se tkun qiegħda tintuża mill-Federazzjoni Maltija tar-Rugby, kif ukoll se jkun hemm fiha l-uffiċċju tal-Manager tal-Kumpless tal-Marsa, u sala għal użu ta' SportMalta

Investmenti ta' din il-portata jgħinu lil pajjiżna biex ilaħħaq kemm mad-domanda preżenti kif ukoll ma' dik futura tal-isport f'pajjiżna.

# AKTAR MINN €10 MILJUNI F'INVESTIMENT DIRETT FL-ISPORT AKKWATIKU




**FL-AHHAR SNIN, IS-SETTUR TAL-AKKWATIKU INGHATA L-ATTENZJONI LI JIXRAQLU, B'TOTAL TA' INVESTIMENT FINANZJARJU LI JAQBEŻ L-€10 MILJUN MAQSUMIN FI TLIET PROĠETTI PRINĊIPALI.**

Wieħed mill-akbar proġetti li qatt ra pajjiżna fis-settur akwatiku huwa l-proġett ta' livell olimpiku tal-pixxina indoor ta' skala internazzjonali fil-Kottonera. Dan il-proġett, li jikkonsisti f'pixxina ta' daqs olimpiku ta' 5,000 metru kwadru u li se tkun tesa' mal-400 spettatur, huwa meqjus li se jkun fost l-aqwa kumplessi sportivi fil-Mediterran.

Biex ikunu milħuqa r-rekwiżiti neċessarji, l-pixxin a se tkun mgħammra bl-aħjar teknoloġija fosthom dik tal-bulkheads biex il-pixxina tkun maqsuma f'aktar minn faċilità waħda. L-art tal-pixxina se jkollha funzjoni li titla' u tinżel biex il-kowċis tal-għawm ikunu jistgħu jagħtu l-lezzjonijiet tagħhom fl-ilma stess.

Indubjament, dan l-investiment ser jagħti nifs lill-isport akkwatiku u fl-istess ħin se jkun ta' ġojjell għan-nies tal-Kottonera u l-madwar.

Impenn finanzjarju ieħor li l-Gvern u SportMalta kkommettew ruħhom għalih huwa l-investiment ta' madwar €3 miljuni fil-pixxina state-of-the-art tas-Sirens ASC. Dan il-proġett qed jara l-bini ta' tliet pixxini, tnejn barra u oħra fuq ġewwa, bl-għan li jservi ta' ċentru reġjonali għall-isport tal-għawm.

Il-livell għoli ta' din il-pixxina se jkun approvat mill-FINA (Fédération Internationale de Natation) li huwa ċertifikat tal-ogħla standards internazzjonali. Investiment ta' din il-portata se jservi ta' ġid mhux biss għat-timijiet ta' Sirens tal-waterpolo, iżda wkoll għal għexieren ta' għawwiema, li f'dawn l-aħħar snin żdiedu fit-timijiet tal-għawm tal-klabb.



L-istrateġija tal-Gvern għall-isport qiegħda tara kif l-investiment sportiv li qiegħed isir madwar Malta u Għawdex ikun ta' benefiċċju għall-komunitajiet u jitgawda mill-pubbliku kemm fl-istaġun tas-sajf kif ukoll f'dak tax-xitwa. Fil-fatt, matul l-ewwel kwart ta' din is-sena, is-Segretarjat ikkommetta ruħu biex jinvesti €120,000 biex tissaħħan il-pixxina ta' Neptunes Waterpolo and Swimming Club għat-tliet snin li ġejjin.

Investiment bħal dan huwa maħsub li joffri pixxini alternattivi biex inkomplu nissodisfaw id-domanda li qed tiżdied fuq il-Kumpless tal-Pixxina Nazzjonali f'tal-Qroqq. B'hekk aktar klabbs akkwatiċi u għawwiema se jkollhom iktar postijiet fejn jitħarrġu.

Dawn l-investimenti se jkunu qed ikomplu jagħtu spinta lill-atleti Maltin fis-settur akkwatiku u jawguraw tajjeb biex jinkisbu aktar suċċessi f'din id-dixxiplina, bħalma diġà nkisbu fl-aħħar snin.

# INVESTIMENTI SPORTIVI FIL-KOMUNITÀ GĦAL PAJJIŻ AKTAR ATTIV

WIEĦED MILL-AKTAR PRINĊIPJI SBIEĦ TAL-ISPORT HUWA LI JQARREB LIN-NIES FLIMKIEN U JKABBAR L-INTERAZZJONI SOĊJALI FIL-KOMUNITAJIET TAGĦNA. KIEN GĦALHEKK LI ĠEW IMNEDIJA KULLANA TA' PROĠETTI SPORTIVI F'NUMRU TA' LOKALITAJIET BIEX AKTAR TFAL, ŻGĦAŻAGĦ U NIES TA' KULL ETÀ JAGĦMLU UŻU MINN SPAZJI RIKREATTIVI.

Fi Frar ta' din is-sena, is-Segretarju Parlamentari Clifton Grima flimkien ma' SportMalta u l-Kunsill Lokali ta' Pembroke inawguraw pitch tal-basketball fi Ġnien '4 ta' Lulju' b'investiment konġunt ta' madwar €105,000. Dan l-investiment kien wieħed ħolistiku hekk kif sar ukoll rinovar tal-ġnien li jdawwar lil dan il-pitch.

Proġett ieħor li permezz tiegħu jkompli jikkonferma l-impenn ta' pajjiżna biex jippromwovi l-attività fiżika u l-interazzjoni soċjali huwa l-ispazju miftuħ, bl-isem 'Spazju Rikreattiv 11 ta' Frar', fl-inħawi ta' Żwejt f'San Ġwann.

Apparti r-rinovar tal-ġnien mad-dawra, sar investiment dirett fl-aspett sportiv li jinkludi rinovar tal-grawnd iż-żgħir, inbidel il-fencing u ġie installat apparat tal-futbol u l-basketball, kif ukoll twaħħal tagħmir għall-attività fiżika.

Ċertament dawn l-investimenti komunitarji mhux se jkunu iżolati. Fil-fatt SportMalta għaddejja bi studju biex ikunu identifikati siti oħrajn madwar Malta u Għawdex li jistgħu jinbidlu fi spazji rikreattivi u sportivi għall-familji tagħna.

Is-Segretarjat u SportMalta, flimkien, jridu li jkomplu jixxpruna soċjeta' Maltija aktar attiva u parteċipattiva fl-isport u li apparti tilħaq livelli għola fid-dinja tal-isport kompetittiv, tgawdi mill-benefiċċji tas-saħħa assoċċjati mal-isport. Għal dan il-għan, SportMalta nediet it-18-il edizzjoni tal-programm Summer on the Move li se jkun offrut bejn Lulju u Settembru 2021.

Sa issa hemm iżjed minn 1,500 applikazzjoni għall-programm Summer on the Move. Dan jammonta għal iktar minn 4,220 sessjoni fil-ġimgħa għal 35 dixxiplina sportiva differenti u li se jkunu mmexxija minn iktar minn 220 għalliem u kowċ ikkwalifikat u li huma dedikati biex joffru servizz ta' kwalità'. L-attivitajiet offruti huma varji, minn football, basketball u ġinnastika, għall-karting u arti marzjali. Ma jonqosx l-isport akkwatiku; l-għawm, waterpolo kif ukoll l-ibburdjar. Għall-adulti wieħed isib yoga, pilates u fitness ta' intensitajiet differenti, kif ukoll badminton, għawm u self-defence.

Għal dan il-programm, SportMalta rat li tolqot lill-membri tal-familji kollha u mhux biss it-tfal. Fil-fatt Summer on the Move jinkludi wkoll lezzjonijiet għall-adulti fejn dawn isiru fl-istess ħin tal-attivitajiet tat-tfal, sabiex dawk il-ġenituri li jġibu lil uliedhom jistgħu jiġu bħala familja u jipparteċipaw fl-istess ħin.

L-elenku tal-investimenti msemmija hawn fuq huma ta' xhieda ċara li b'mod kollettiv qed issir ħidma sabiex pajjiżna ikun ta' spalla għall-isport f'Malta. Permezz ta' dan kollu b'mod ħolistiku, il-Gvern huwa impenjat li jkompli jagħti l-għodda neċessarja lill-għaqdiet sportivi u lill-atleti biex permezz tagħhom, isem pajjiżna fl-isport ikun elevat għall-pjattaforma li jixraqlu.



# YACHTING MALTA

## TKOMPLI TAGĦTI KONTRIBUT SIEWI LEJN L-ISPORT TAL-IBBURDJAR

IBBURDJAR

### Mapfre Middlesea Yachting Malta Christmas Regatta

Għal dawn l-aħħar għoxrin sena l-Malta Young Sailors Club (MYSC) kien strumentali biex, ġimgħa qabel il-Milied, kien jgħaqqad flotta ta' baħħara nternazzjonali biex jikkompetu fir-Regatta Internazzjonali Euromed. Baħħara żgħażagħ barranin, li s-soltu kienu jiġu Malta għal ftit jiem ta' tbaħħir kompetittiv kellhom jitilfu l-avveniment ta' din is-sena- vittmi sportivi oħra tal-Pandemija Covid-19. Minkejja dan, l-MYSC iddeċidiet li tospita l-Mapfre Middlesea Yachting Malta Christmas Regatta għal baħrin ibbażati lokalment fil-Bajja tal-Mellieħa. L-iskejjel u klabbs tal-ibburdjar lokali kollha kellhom rappreżentanza tajba u kkompetew fil-klassijiet Optimist, Laser u RS Feva. It-tlielaq seħħew fuq medda ta' tlett ijiem- il-Ġimgħa, s-Sibt u l-Ħadd. Minħabba t-temp ħażin li feġġ il-Ħadd filgħodu, id-direttur tat-tellieqa Peter Dimech ħa d-deċiżjoni li ma jsirux tlielaq. Għal darboħra Yachting Malta tat il-kontribut tagħha lejn l-organizazzjoni tat-tellieqa kif ukoll l-ispejjeż li kienu jikkonċernaw l-implimentazzjoni ta' protokolli tas-saħħa.

### Kalendarju Annwali

Yachting Malta għal darboħra pproduċiet il-kalendarju annwali tagħha li juri s-sbuħija tal-gżejjer Maltin f'ambitu marittimu, l-eċċitament u l-intensità tal-ibburdjar kompetittiv kif ukoll in-natura kalma tal-ilmijiet lokali li jbaħħru fih id-dilettanti tal-ibburdjar.

Il-kalendarju sar possibbli permezz tal-appoġġ ta' wħud mill-aqwa fotografi ta' Malta - inklużi Kurt Arrigo, Andrea Azzopardi, Roger Azzopardi, Jonathan Borg, Ray A. Condachi Matthew Mirabelli, Pavel Images (Paul Ellul), Rene Rossignaud u Alex Turnbull.

Għalkemm fil-bidu tiegħu, il-Kalendarju ta' Yachting Malta sar pubblikazzjoni popolari ħafna fost il-komunità marittima Maltija.



### Investiment fid-Dgħajjes

Inizjattiva li ġiet immedija minn Yachting Malta u appoġġjata mill-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali rat investiment ta' aktar minn € 35,000 li ssarraf fix-xiri ta' numru ta' dgħajjes li se jintużaw mit-Tim Nazzjonali tal-Ibburdjar kif ukoll Klabbs lokali.

L-għażla tad-dgħajjes saret bl-għajnuna tal-Malta Sailing Federation, li ilha taħdem mill-qrib mal-Klabbs u l-awtoritajiet biex tipprovdi opportunitajiet għall-iżvilupp għall-isport, li ra żieda sostanzjali fil-parteċipazzjoni fl-2020.

It-Tim Nazzjonali Malti ser jirċievi ħames dgħajjes Laser. Dan l-investiment ser jikkontribwixxi għat-tħejjijiet li qed isiru mit-Tim Nazzjonali bi tħejjija għal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar tal-Ewropa li ser jsiru fl-2023 f'Malta.

Numru ta' dgħajjes oħra ġew allokati lejn klabbs affiljati mal-Malta Sailing Federation, jiġifieri Birzebbugia Sailing Club, Malta Young Sailors Club, Royal Malta Yacht Club u Vikings Sailing Club.

### Yachting Malta BSC Regatta

L-ewwel edizzjoni tal-Yachting Malta BSC Regatta ġiet organizzata b'suċċess mill-Birzebbuga Sailing Club Freeport. L-avveniment seħħ fuq tlett ijiem mit-13 sal-15 ta' Frar f'kundizzjonijiet ta' riħ li kien ġeneralment qawwi. Il-Flotta kienet tikkonsisti minn dgħajjes Optimist, Laser, Feva. F'din il-kompetizzjoni kienu rrappreżentati tmien pajjiżi. Dan huwa avveniment internazzjonali ġdid, li mistenni jkun avveniment annwali u li hu mmirat biex jipprovdi esperjenza ta' tlielaq internazzjonali għall-baħrin lokali billi jattira baħrin internazzjonali lejn pajjiżna.

### Rikonoxximent lil Richard Schultheis

Iċ-Chairman ta' Yachting Malta John Huber u l-Onor. Dr Ian Borg, Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali ppreżentaw rikonoxximent lil Richard Schultheis, wara li ħareġ rebbieħ tal-premju Atleta Żagħżugħ tas-Sena waqt l-Isport Malta Awards, organizzati mill-Assoċjazzjoni Ġurnalisti Sportivi Maltin.

Schultheis għamel isem għalih u għal Malta bir-riżultati li kiseb fl-isport tal-ibburdjar fiċ-ċirkwit internazzjonali, u hu wieħed mill-atleti li qegħdin juru potenzjal għal rappreżentanza Olimpika Maltija.

"L-impenn u d-dedikazzjoni tiegħu għall-isport tal-ibburdjar huma ta' min ifaħħarhom. Kien xieraq biss li Yachting Malta bħala l-entità governattiva nvoluta fl-ibburdjar tirrikonoxxi l-ewwel baħri żagħżugħ li rebaħ dan il-premju. " sostna John Huber, Chairman ta' Yachting Malta.

### Yachting Malta Race Week

Filwaqt li taderixxi mal-protokolli tas-saħħa, Yachting Malta tittama li l-avveniment inawgurali tal-Yachting Malta Race Week isir bejn it-22 u t-30 ta 'Mejju 2021. Bħalissa qed tiġi mfassla skeda ta' avvenimenti li ser tkun ippubblikata eqreb lejn id-data, madankollu Yachting Malta bi ħsiebha tinvolvi lil dawk l-entitajiet marittimi interessati biex jipprovdu programm varjat.

### Membri Ġodda fuq il-Bord tad-Diretturi

F'Marzu, Yachting Malta ħabbret il-ħatra ta' tliet membri ġodda fil-Bord tad-Diretturi tagħha. Il-membri l-ġodda, kollha li jirrappreżentaw ir-Royal Malta Yacht Club, huma l-Commodore David Cremona, t-Teżorier Mark Vella u Rear Commodore (Special Events) Georges Bonello Dupuis. Il-membri l-ġodda kollha jġibu magħhom għarfien estensiv tas-settur kif ukoll impenn lejn it-taqsima tal-jottijiet, għall-ibburdjar u affarijiet marittimi. Dan kollu huwa evidenti mis-snin ta' kompetenza tagħhom fis-settur.

Yachting Malta ħadet l-okkażjoni biex tesprimi l-apprezzament u l-gratitudni tagħha lil Peter Dimech u Mark Napier li temmew il-kariga tagħhom, għall-kontribut sinifikanti matul il-kariga tagħhom fuq il-Bord.

Il-membri l-ġodda se jingħaqdu mal-bqija tal-Bord li jinkludi John Huber (Chairman), Paul Muscat (Deputat Chairman) u membri oħra Ing. Christopher Borg, Audrienne Ciantar, Frederick Cutajar u Godwin Zammit.

> "Ninsabu kuntenti li nilqgħu lil David, Mark u Georges fil-bord tad-diretturi tagħna. Magħhom se jġibu snin ta' tmexxija u esperjenza f'oqsma ewlenin tal-industrija għall-immaniġġjar ta' avvenimenti tal-jottijiet, tbaħħir kompetittiv u amministrazzjoni. L-għarfien tagħhom żgur se jagħti spinta lit-tim ta 'Yachting Malta." spjega John Huber, Chairman, Yachting Malta.




© Deea Buzdugan

# XPRESSO JIKSEB IL-VANTAĠĠ FIT-TIELET TELLIEQA TAL-RMYC COASTAL RACE SERIES

Flotta oħra mdaqqsa ħadet sehem fit-tielet tellieqa tar-Royal Malta Yacht Club Spring Coastal Series li saret fil-bidu ta' Marzu. Il-korsa qasira fuq medda ta' 10 mili nawtiċi, ħadet il-flotta lejn il-Fairway Buoy qabel ma daru lejn Għallis u lura lejn Marsamxett qabel ma spiċċaw ħdejn il-Yacht Club. F'dak li ġie deskritt bħala kundizzjonijiet ta' tbaħħir tajbin, il-flotta esperjenzat riħ, mill-lvant, li kien jvarja minn forza erbgħa sa ħamsa.

Il-ħruġ kemm xejn kalm mill-bokka tal-Port ta' Marsamxett kien f'kuntrast qawwi mal-azzjoni ħdejn il-baga tal-Fairway fejn l-ekwipaġġi kienu qegħdin ixekklu qrib xulxin. L-ewwel żewġ dgħajjes li ħarġu mill-port kienu l-J92s - J-Lance u Pep, misjuqa minn Kristian Borg Nicolas u Mark Camilleri rispettivament. Warajhom Xpresso ta' Sean Borg, Ton Ton ta' Jonathan Gambin u l-bqija tal-flotta ħarbu biex jiksbu post fuq quddiem tal-flotta bl-għan li jieħdu l-vantaġġ.

Ħdejn il-baga tal-Fairway il-flotta ma kinitx qasira mill-azzjoni, b'Xpresso jmexxi t-triq u Ton Ton, Comanche Raider III u J-Lance isegwu viċin. Minn hemm 'il quddiem Xpresso żamm il-vantaġġ biex jispiċċa l-ewwel kemm min naħa ta' ħin kif ukoll fuq ħin korrett. Ton Ton, li kien fid-dell tagħhom għall-parti l-kbira tat-tellieqa kellu jikkuntenta bit-tieni post b'minuta 1 biss 23 sekonda jisseparahom mill-Xp44. Fit-tielet post kien il-J92 ta' Kristian Borg Nicolas, J-Lance.

"Kellna bidu daqsxejn kalm, l-aktar minħabba li Xpresso ilu fuq xahrejn fuq l-art għall-manutenzjoni. Bl-ekwipaġġ ilu ma jbaħħar għal aktar minn xahrejn, sibna ftit iktar riħ milli xtaqna imma kienet tellieqa tajba li ħadna gost nesperjenzaw, "spjega Sean Borg.

L-Uffiċjal tat-Tellieqa Peter Dimech, li kien assistit minn Luca Lacitignola, esprima s-sodisfazzjon tiegħu li ra flotta oħra mdaqqsa ħierġa l-barra mill-Port ta' Marsamxett. Minħabba l-miżuri li ġew fis-seħħ f'Marzu, is-serje twaqqfet temporanjament. Il-Klabb li qed jimxi mal-miżuri mħabbra jispera li s-serje tkun tista titkompla mill-iktar fis.

**MARIA VELLA GALEA**




Ritratt: Deea Buzdugan

# DAVID CREMONA



## ELETT IL-COMMODORE ĠDID GĦAR-ROYAL MALTA YACHT CLUB

**David Cremona ġie elett bħala l-Commodore l-ġdid għar-Royal Malta Yacht Club, wara l-Laqgħa Ġenerali Annwali li saret dan l-aħħar. Bħala l-Commodore l-ġdid, huwa jieħu t-tmun mingħand Godwin Zammit, li ddeċieda li ma joħroġx għal terminu ieħor din is-sena, kellu dan l-irwol mill-2012.**

Cremona, ilu membru attiv tal-Klabb mill-2001. Hu kkompeta f'diversi tlielaq tal-Klabb kif ukoll fir-Rolex Middle Sea Race. Din se tkun it-tieni sena tiegħu fil-Kumitat tal-Klabb, wara li serva bħala Rear Commodore (House) fl-2020.

Minkejja li kiseb l-iktar voti fl-elezzjoni, Cremona ħasibha qabel m'aċċetta din il-posizzjoni. Ir-raġuni primarja kienet li meta ħareġ għall-elezzjoni ma kellu l-ebda intenzjoni li jokkupa dan ir-rwol, partikolarment minħabba li m'għandux is-snin ta' esperjenza f'dan il-Kumitat bħal ma kellhom il-predeċessuri tiegħu.

"Ir-riżultat kien pjuttost mhux mistenni. Inizjalment kont qed nikkunsidra li ngħaddi r-rwol lil xi ħadd ta' iktar esperjenza, iżda l-ammont kbir ta' inkoraġġiment li rċivejt hekk kif tħabbru r-riżultati ġegħlitni niftakar fil-fatt li kieku għamilt hekk, kont qed inkun niddiżappunta lill-membri li vvutawli" spjega Cremona.

Cremona se jkun qed imexxi l-Kumitat fuq bażi ta' snin t'esperjenza ta' tmexxija fid-dinja tan-negozju. Huwa laqqa' l-esperjenza ta' kull membru tal-Kumitat biex jiżgura li r-rwol mogħti huwa wieħed li hu mifhum u li l-ħiliet tagħhom jikkumplimentaw lil xulxin.

Il-prestiġju ta' rwol bħal dan jiġi mgħobbi b'numru ta' sfidi. L-imġieba kwieta u riservata ta' Cremona m'huwiex nuqqas ta' entużjażmu iżda hu l-għarfien sħiħ tar-responsabbiltà li ġie inkarigat biha. Il-pandemija attwali ta' Covid-19 ma għamlitx l-affarijiet faċli għall-Klabb. Bir-ristoranti u l-bars jingħalqu, m'hemmx wisq il-Klabb jista' joffri lill-membri tiegħu, għalkemm il-programm tat-tbaħħir - bil-protokolli kollha meħtieġa f'posthom, ra parteċipazzjoni soda.

L-Iskola tal-Ibburdjar tal-Klabb tkompli tikseb suċċess. L-attività hija kontinwament impenjattiva. Cremona spjega li l-istudenti tal-Iskola mhux biss qegħdin jattendu għat-taħriġ iżda qed jikkompetu wkoll fir-Regattas Nazzjonali u li fihom qed jiksbu suċċess. Il-Klabb jipprovdi bażi ta'taħriġ għall-baħħara tal-livell Olimpiku. Dawn l-atleti wrew li huma fattur motivanti għall-baħrin żgħar li huma influwenzati b'mod pożittiv. Dan l-element huwa wieħed mill-assi tal-Iskola fit-tentattiv tagħha li tnissel, fost il-baħħara żgħażagħ, imħabba fit-tul lejn l-ibburdjar, li tiżgura kontinwità għall-isport.

Filwaqt li l-lista ta' sħubija tal-Klabb tibqa' relattivament konsistenti, il-parteċipazzjoni matul is-snin naqset xi ftit - b'mod partikolari mill-membri ta' età żgħira - din ġiet riflessa wkoll fil-parteċipazzjoni fit-tlielaq. Filwaqt li raġuni eżatta ma tistax tiġi identifikata, il-Kumitat tal-Klabb bħalissa qed jaħdem fuq inċentivi ġodda ta' sħubija u kalendarju ta' avvenimenti - ladarba l-pandemija Covid-19 tippermettilha, biex iġġib lura d-diversità tas-sħubija flimkien.

B'manjiera pożittiva, David jara dan iż-żmien bħala opportunità kbira għall-Klabb biex jeżamina bir-reqqa fejn jista jgħamel titjib. Il-perjodu kwiet li qed jiffaċċja l-Klabb huwa l-opportunità perfetta biex jibda għaddej minn proċess ta'rinovar. Li tagħti dehra kemmxejn ġdid ser jkun essenzjali biex il-membri jiġu attirati sabiex jerġgħu jibdew jitħalltu waqt li jgawdu l-faċilitajiet tal-Każin fuq bażi regolari.

Filwaqt li hemm ħafna xi jsir, David huwa kunfidenti li l-Kumitat il-ġdid jista jkompli jibni fuq dak li għamlu l-Kumitati preċedenti. Huwa sodisfatt li hemm bilanċ ta' esperjenza flimkien ma' enerġija ġdida, tant li x-xogħol ġa beda jseħħ.

"Nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lil Godwin Zammit għas-snin ta' servizz impekkabli lejn il-Club. Aħna ċerti li xorta se jkun preżenti fil-Klabb u nittamaw li xorta ser jkun qed jagħti l-pariri validi tiegħu. Nixtieq nesprimi wkoll il-gratitudni tiegħi lejn il-membri li m'għadhomx fil-kumitat - Robert Ciantar, Edgar Warrington u Charles Cronin għall-kontribuzzjoni tagħhom..

| IL-MEMBRI TAL-KUMITAT LI SE JINGĦAQDU MAL-COMMODORE DAVID CREMONA FUQ IL-KUMITAT RMYC GĦAL DIN IS-SENA HUMA | |
|---|---|
| Vice Commodore | Anna Rossi |
| Hon. Secretary | Mark Napier |
| Hon. Treasurer | Mark Vella |
| Rear Commodore (Sailing) | Peter Dimech |
| Rear Commodore (Special Events) | Georges Bonello Dupuis |
| Rear Commodore (House) | Mario Debono |
| Member (Information Technology) | Joe Cross |
| Member (Sailing School) | Luca Lacitignola |

# IL-11-IL STADIA

## LI SE JOSPITAW IL-LOGĦBIET TAL-EURO 2020





### ALLIANZ ARENA (Munich)

Dan l-istadium huwa utilizzat minn Bayern Munich li għandu kapaċitá ta' 70,000 spettatur. Huwa magħruf l-aktar għall-pannelli tal-plastik ETFE artistiċi li jdawru proprju dan l-istadium bid-dawl jinbidel il-ħin kollu b'kuluri differenti. Barra minn hekk, huwa t-tieni l-akbar stadium fil-Ġermanja, wara l-Westfalen Stadium, dak ta' Borussia Dortmund. Bayern bdew jilagħbu fih mill-bidu tal-istaġun 2005-06 ... wara li kienu ilhom jilagħbu fil-Munich Olympic Stadium mill-1972.





### HAMPDEN PARK (Glasgow)

Inawgurat f'Ottubru, 1903, Hampden Park jinsab fil-belt ta' Glasgow u huwa l-istadium nazzjonali tal-Iskozja. Huwa għandu kapaċitá ta' 52,000 spettatur, kien l-istadium ta' Queen's Park għal aktar minn seklu. Minbarra l-logħbiet internazzjonali, jintuża wkoll għal bosta finali tal-kompetizzjoniiet domestiċi kif ukoll għal avvenimenti oħra sportivi, fejn anke intuża għal-Logħob tal-Commonwealth, fl-2014. Barra minn hekk huwa wkoll iċ-ċentru tal-kunċerti mużikali.


You party, WE ICE!



THE ICE MAN

THE ICE MAN
We Offer Superior Ice Cubes & Ice Flakes
The Only EU Approved (No. C001)
www.amgcoldstores.com
AMG COLD STORES
MT C001 KE

Triq il-Biċċerija, Marsa MRS 1121
Tel: 21 233 148, 21 442 066
Mob: 99 475 534, 99 497 613
E: sales@amgcoldstores.com

Business Hours: 8.00 am - 9.00 pm
Everyday, All Year Round
7 Days a Week



## JOHAN CRUYFF ARENA (Amsterdam)

Dan l-istadium huwa msemmi għall-player leġġendarju Olandiż, Johan Cruyff, li miet f'Marzu f'2016. Huwa l-istadium nazzjonali li jinsab fil-belt kapitali tal-Olanda u li fih jilagħbu Ajax Amsterdam. Huwa nbena bejn l-1993 u l-1996 fejn sewa l-ispiża ta' €140 miljun. Sal-istaġun 2018 huwa kien jissejjaħ 'Amsterdam Arena' iżda bħala omaġġ inbidel ismu għal dan il-player li beda l-karriera tiegħu ma' Ajax u li għalihom lagħab bejn l-1964 u l-1973 u bejn l-1981 u l-1983. Huwa mexxihom għal bosta unuri fosthom iċ-Champions Cup. Dan l-istadium, li għandu kapaċitá ta' 55,500 spettatur, għandu s-saqaf jingħalaq, u jintuża wkoll għall-kunċerti mużikali.



## KRESTOVSKY STADIUM (St Petersburg)

Magħruf ukoll bħala Gazprom Arena minħabba raġunijiet ta' sponsor, dan l-istadium jinsab fil-belt Russa ta' St Petersburg u jintuża proprju mill-club ta' Zenit St Petersburg. Huwa ġie inawgurat fl-2017 għat-Tazza tal-Konfederazzjonijiet u sewa s-somma ta' €597 miljun. Dan l-istadium inbena fl-istess forma tat-Toyota Stadium li jinsab fil-belt ta' Toyota, fil-Ġappun, hekk kif l-arkitett kien l-istess wieħed – Kisho Kurokawa. Kien ukoll wieħed mill-istadia ewlenin tal-fażi finali tat-Tazza tad-Dinja 2018. Huwa għandu kapaċitá ta' 68,000 spettatur.



## NATIONAL ARENA (Bucharest)

Inbena fl-2011, mid-ditta Ġermaniża Max Bogl, fuq is-sit tal-Istadium Nazzjonali li twaqqa' fl-2007 biex jinbena stadium ġdid u modern, jinsab fil-belt kapitali tar-Rumanija. Huwa wkoll l-istadium nazzonali tal-pajjiż li fih jintlagħbu l-logħbiet internazzjonali kif ukoll il-finali tat-Tazza Rumena. Dan l-istadium jintuża minn Steaua Bucharest u Dinamo Bucharest. B'kapaċitá ta' 55,500 spettatur, huwa l-akbar stadium tal-pajjiż fejn għandu saqaf li jingħalaq.



## OLYMPIC STADIUM (Baku)

B'kapaċitá ta' 70,000 spettatur, dan l-istadium inbena biex jissodisfa l-kirterji tal-FIFA, tal-UEFA u tal-IAFF, biex isiru avveniment sportivi kbar. Huwa jinsab fil-belt kapitali tal-Azerbaijan u huwa l-akbar stadium fil-pajjiż. Il-kostruzzjoni tiegħu tlestiet fi Frar 2015 u ġie inawgurat fis-6 ta' Marzu. F'dan l-istadium jilgħab it-team nazzjonali li qabel kien jilgħab fit-Tofiq Bahramov Stadium. F'Ġunju 2015, huwa ospita ċ-ċerimonja tal-ftuħ u l-għeluq u l-kompetizzjonijiet tal-Kamjonat Dinji tal-Atletika.





## PARKEN STADIUM (Copenhagen)

Mibni bejn l-1990 u l-1992, dan l-istadium jinsab fil-belt kapitali Daniża. B'kapaċitá ta' 38,500 spettatur, għandu saqaf li jingħalaq. Għalkemm jintuża mill-club ta' FC Copenhagen, huwa jospita wkoll il-partiti internazzjonali tad-Danimarka. Huwa nbena biex jieħu post Idraets Parken, bl-aħħar logħba li ntlagħbet fih tkun it-telfa ta' 2-1 kontra l-Jugoslavja, nhar l-14 ta' Novembru, 1990, valida mir-round ta' kwalifikazzjoni tal-Euro 1992. Min-naħa l-oħra, l-ewwel partita fil-Parken Stadium, intlagħbet nhar id-9 ta' Settembru, 1992, fil-partita ta' ħbiberija kontra l-Ġermanja.



## LA CARTUJA (Sevilla)

Dan l-istadium ħa post dak ta' Sam Mames ta' Bilbao fl-aħħar ġranet biex jospita logħbiet mill-Euro 2020. Mibni fl-1999, jintuża wkoll għall-kampjonati tal-atletika tar-reġjun ta' Sevilla. Għandu kapaċitá ta' 60,000 spettatur u huwa s-sitt l-aktar kbir fi Spanja u t-tieni f'Andalucia. La Cartuja jibqa' mfakkar li ospita l-finali tal-UEFA Europa League, f'Mejju 2003, bejn Celtic u Porto fejn dawn tal-aħħar kienu ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 3-2.



## STADIO OLIMPICO (Ruma)

Dan l-istadium huwa l-ikbar faċilitá sportiva fl-Italja li għandu kapaċitá ta' 70,000 spettatur. Huwa jinsab fil-kumpless ta' Foro Italico, fil-belt kapitali tal-pajjiż. L-istruttura hija proprjetá tal-Kumitat Olimpiku Nazzjonali Taljan iżda jintuża miż-żewġ clubs, Roma u Lazio, li fih tintlagħab ukoll il-finali tal-Coppa Italia. Kienet saritlu manutenzjoni kbira u mmodernizzat biex jospita l-fażi finali tat-Tazza tad-Dinja 1990. Huwa jilqa' fih ukoll kunċerti mużikali bl-ikbar attendenza tkun dik ta' 100,000





## WEMBLEY STADIUM (Londra)

Wembley Stadium jibqa' l-ikona tal-istadia madwar id-dinja. Huwa nbena fuq l-istess sit ta' dak l-antik li twaqqa' bejn l-2002 u l-2003 biex imbagħad ġie inawgurat fid-9 ta' Marzu, 2007, bl-ispiża tkun ta' £1.2 biljuni. L-isem ta' Wembley Stadium igawdi storja kbira li oriġinarjament kien inawgurat fit-28 ta' April, 1923. Fih laqa' bosta konfronti prestiġjużi bejn timijiet kbar, bil-qofol tkun il-finali tat-Tazza tad-Dinja 1966, li fiha l-Ingilterra għelbu lil Ġermanja bl-iskor ta' 4-2, wara l-ħin barrani. Huwa jesa' 90,000 spettatur u minkejja li jintuża mit-team nazzjonali, bejn l-2017 u l-2019, intuża wkoll minn Tottenham Hotspur sakemm bnew l-istadium ġdid tagħhom. Huwa proprjetá tal-FA Ingliża fejn għandha wkoll il-kwartieri ġenerali.





Midfielder versatili li jilgħab ma' Hertha Berlin fil-Ġermanja, imexxi bl-eżempju u kien l-ispirazzjoni ewlenija fir-rebħa sorpriża ta' 2-1 fil-fażi ta' kwalifikazzjoni kontra l-Ingilterra.

## PLAYER PROSPETTIV: TOMAS SOUCEK

Fil-qalba ta' nofs il-ground, dan il-player jiddefinixxi mill-ġdid xi jfisser li jkollok "saqajn tajbin għal player kbir". Ivvutat bħala l-Aqwa Player Ċek tal-istaġun 2018-19, hekk kif Slavia Prague rebħu it-titlu, u vvutat bħala l-Aħjar Player Ċek mill-ġurnalisti Ċeki fl-2020, issa huwa jinsab fuq il-kotba ta' West Ham United.

## QATT KONT TAF?

Ir-Repubblika Ċeka kienet dejjem preżenti fil-Kampjonati Ewropej tal-UEFA bħala nazzjon indipendenti, u b'dan it-tournament se tkun qed tilħaq l-ammont ta' seba' tournaments suċċessivi.



**Goalkeepers:** Tomas Vacilk (Sevilla), Ales Mandous (Sigma Olomouc), Jiri Pavlenka (Werder Bremen), Filip Nguyen (Slovan Liberec)

**Difensuri:** David Zima (Slavia Prague), Vladimir Coufal (West Ham), Ales Mateju (Brescia), Jan Boril (Slavia Prague), Tomas Holes (Slavia Prague), Pavel Kaderabek (Hoffenheim), Ondrej Celustka (Sparta Prague), Ondrej Kudela (Slavia Prague), Patrizio Stronati (Banik Ostrava)

**Midfielders:** Antonin Barak (Verona); Vladimir Darida (Hertha Berlin); Lukas Masopust (Slavia Prague); Jakub Jankto (Sampdoria); Tomas Soucek (West Ham); David Pavelka (Sparta Prague), Lukas Provod (Slavia Prague); Jakub Pesek (Slovan Liberec), Tomas Malinsky (Slavia Prague)

**Attakkanti:** Michael Krmencik (PAOK), Matej Vydra (Burnley), Patrik Schick (Bayer Leverkusen), Tomas Pekhart (Legia Warsaw)


ENERGY DRINK
ENERGY DRINK
KABISA
100% REAL ENERGY
Enjoy Life Together
ENERGY DRINK
ENERGY DRINK
KABISA
100% REAL ENERGY
250 ml
Island Services Co. Ltd.
+356 2142 0420
sales@islandservicesltd.com

# BLOCKED DRAINS CLEARED FAST

## FOR ALL KINDS OF DRAINAGE PROBLEMS
## • DOMESTIC • COMMERCIAL • INDUSTRIAL

**Xogħlijiet fis-Settur Domestiku bħal appartamenti, djar u oħrajn**
*Various kinds of services for the Domestic Sector*

**Tindif u ftuħ ta' drains tal-kċina, showers u sinkijiet**
*Cleaning & opening of drains for kitchens, showers & sinks*

**Tiswijiet u ftuħ ta' sistemi ta' dranaġġi u gullies**
*Repairs on all drainage & gullies systems*

**Katusi tat-toroq**
*Road Pipe Laying*

**Tranġar, tbattil u tindif ta' bjar u pools**
*Fixing, empyting & cleaning of weels & pools*

**Tibdil ta' sufuni u gullies**
*Changing of sewers & gullies*

**Użu ta' Jetty/Suction Bowser**
*Use of Jetty/Suction Bowser*

**Tbattil ta' grease traps u fosos**
*Emptying of grease taps & pits*

**Servizzi għal Super Yachts/Yachts u Cruise Liners**
*Services for Super Yachts/Yachts & Cruise Liners*

**Servizz għal likwidi perikolużi u farmaċewtika**
*Services for hazardous liquids waste & pharmaceutical*





**Xogħlijiet bis-CCTV Camera, sa 140 pied** *CCTV Camera Inspections, up to 140 feet*
**24 siegħa kuljum madwar Malta kollha** *24 hours a day, all over Malta*
**Naqduk dakinhar stess u fi żmien qasir** *Same day service & quick response*
**Nidħlu wkoll fi sqaqien** *Services in alleys & narrow roads*
**Innaddfu warajna** *After job cleaning*

## STANISLAWS AGIUS

Pantanal, Triq ir-Rihan, Żabbar | e.stanagius@gmail.com
**www.stanagius.com** m. **9987 5781**






# Castrol

## IT'S MORE THAN JUST OIL. IT'S LIQUID ENGINEERING.®

**SOLE AGENTS**

**COLEIRO GENERAL SUPPLIES LTD.**

Msida Valley Road, Birkirkara.
Tel: 2149 2082 Mob: 9936 0037
Email: info@coleiro.com Website: www.coleiro.com

# SPANJA

## GRUPP E



Rekord fi Grupp F: L:10; R:8; D:2; T:0; F:31; K:5; Pt:26

L-aqwa skorer fil-fażi ta' kwalifikazzjoni: Alvaro Morata, Sergio Ramos, Rodrigo (4)

L-aħjar pożizzjoni f'din il-kompetizzjoni: Rebbieħa (1964, 2008, 2012)

**Goalkeepers:** Unai Simon (Athletic Bilbao), David de Gea (Manchester United), Robert Sanchez (Brighton)

**Difensuri:** Jose Gaya (Valencia), Jordi Alba (Barcelona), Pau Torres (Villarreal), Aymeric Laporte (Manchester City), Eric Garcia (Manchester City), Diego Llorente (Leeds), Cesar Azpilicueta (Chelsea)

**Midfielders:** Sergio Busquets (Barcelona), Rodri (Manchester City), Pedri (Barcelona), Thiago Alcantara (Liverpool), Koke (Atletico Madrid), Fabian Ruiz (Napoli), Marcos Llorente (Atletico Madrid)

**Forwards:** Dani Olmo (RB Leipzig), Mikel Oyarzabal (Real Sociedad), Alvaro Morata (Juventus), Gerard Moreno (Villarreal), Ferran Torres ( Manchester City), Adama Traore (Wolves), Pablo Sarabia (Paris St-Germain)



### COACH: LUIS ENRIQUE

Luis Enrique warrab mill-kariga ta' coach f'Ġunju 2019 għal raġunijiet personali iżda rritorna fil-kariga f'Novembru tal-istess sena, wara li l-kwalifikazzjoni kienet ġiet konkluża. Qabel kien iggwida lil Barcelona għall-glorja tal-UEFA Champions League fl-2015. Huwa wieħed mill-ftit players li laghab għall-akbar żewġ clubs f'pajjiżu ... Real Madrid (1991-96) u Barcelona (1996-2004).

### PLAYER EWLIENI: ALVARO MORATA

Alvaro Morata kien strumentali għal Spanja waqt ir-round ta' kwalifikazzjoni tal-Euro 2020. Dan l-attakkant ta' 28 sena huwa skorer prolifiku fejn jippossjiedi intuwizzjoni naturali lejn ix-xibka avversarja.

Fil-karriera tiegħu laghab ma' Real Madrid, Chelsea, Atletico Madrid kif ukoll Juventus fejn fl-istaġun 2020-21 laghab 32 partita u skorja 11-il goal għall-Bianconeri. Ma' Spanja laghab 39 logħba li fihom skorja 19-il goal.

### PLAYER PROSPETTIV: FERRAN TORRES

Il-winger ta' Manchester City attira l-attenzjoni grazzi għad-dribbling fin u l-veloċità fuq il-faxxa laterali. Fl-età ta' 21 sena huwa jidher bħala player "veteran" minħabba l-intelliġenza li jippossiedi. Prodott ta' Valencia, Torres irrappreżenta lil Spanja f'kull livell biex s'issa laghab 11-il partita mat-team tal-kbar.

### QATT KONT TAF?

Spanja huma l-uniku team li ddefenda b'suċċess it-titlu tal-Euro, meta rnexxielu jagħmel dan fl-2012.



# SVEZJA



## COACH: JANNE ANDERSSON

Il-moħħ wara r-rinaxximent riċenti tal-Isvezja, Andersson inghata l-kariga fl-2016, u mexxa lit-team tiegħu lejn l-ewwel kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja fi 12-il sena, imbagħad mexxa lil pajjiżu fil-grupp tal-UEFA Nations League li fost oħrajn kien jinkludi wkoll lir-Russja u t-Turkija.

## PLAYER EWLIENI: ROBIN OLSEN

It-tul, il-fiżika u l-idejn siguri ta' dan il-goalkeeper ifissru garanzija. Huwa jinsab fuq il-kotba ta' Roma u fl-istagun li għadu kif intemm kien mislif lil Everton. Mat-team nazzjonali ilu jilgħab mill-2015 ... b'total ta' 42 partita.

## PLAYER PROSPETTIV: ALEXANDER ISAK

L-iżgħar skorer ta' kull żmien ta' AIK meta kien għad kellu biss 16-il sena, kif ukoll tat-team nazzjonali meta kellu biss 17-il sena, Isak riċentement għalaq 21 sena u qed jilgħab ma' Real Sociedad. Dan l-attakkant qed juri maturità straordinarja li tmur lil hinn mill-età tiegħu.

## QATT KONT TAF?

Fl-1992, l-Isvezja li ospitaw il-fażi finali, rebħu l-Grupp fejn spiċċaw qabel l-Ingilterra, Franza u eventwalment qabel ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni, id-Danimarka, qabel ma ġew eliminati meta sfaw megħluba bl-iskor ta' 3-2 mill-Ġermanja fis-semi-finali.




Rekord fi Grupp F: L:10; R:6; D:3; T:1; F:23; K:9; Pti:21

L-aqwa skorer fil-fażi ta' kwalifikazzjoni: Robin Quaison (5)

L-aħjar pożizzjoni f'din il-kompetizzjoni: Semi-finali (1992)



**Goalkeepers:** Robin Olsen (Everton), Karl-Johan Johnsson (Copenhagen), Kristoffer Nordfeldt (Genclerbirligi)

**Difensur:** Mikael Lustig (AIK), Ludwig Augustinsson (W. Bremen), Victor Lindelof (Man Utd), Marcus Danielson (Dalian Yifang), Martin Olsson (Hacken), Pontus Jansson (Brentford), Filip Helander (Rangers), Emil Krafth (Newcastle U.), Andreas Granqvist (Helsingborgs IF)

**Midfielders:** Sebastian Larsson (AIK), Albin Ekdal (Sampdoria), Emil Forsberg (RB Leipzig), Ken Sema (Watford), Viktor Claesson (Krasnodar), Jens Cajuste (Midtjylland), Mattias Svanberg (Bologna), Kristoffer Olsson (Krasnodar), Dejan Kulusevski (Juventus), Gustav Svensson (Guangzhou)

**Attakkanti:** Jordan Larsson (Spartak M.), Alexander Isak (Real Sociedad), Robin Quaison (Mainz), Marcus Berg (Krasnodar)

# POLONJA

## GRUPP E



Rekord fi Grupp G: L10; R8; D1; T1; F18; K5; Pti:25

L-aqwa skorer fil-fażi ta' kwalifikazzjoni: Robert Lewandowski (6)

L-aħjar pożizzjoni f'din il-kompetizzjoni: Kwarti-finali (2016)



### COACH: PAULO SOUSA

Jerzy Brzeczek mexxa lill-Polonja u wassalhom sal-kwalifikazzjoni għal dan it-tournament, iżda ġie sostitwit f'Jannar 2021 minn Paulo Sousa, li rrappreżenta lill-Portugall bħala midfielder fil-Euro 1996 u f'dak tal-2000. Kellu karriera varjata ta' coaching s'issa li ħaditu fl-Ingilterra, l-Ungerija, l-Iżrael, l-Isvizzera, l-Italja, iċ-Ċina u Franza. Fil-karriera ta' player laghab ma' Benfica, Sporting Lisbon, Juventus, Borussia Dortmmund u Inter, fost oħrajn.

### PLAYER EWLIENI: ROBERT LEWANDOWSKI

L-iktar player li għamel dehriet mal-Polonja u l-aqwa player Pollakk ta' kull żmien. L-attakkant ta' Bayern Munich jibqa' wieħed mill-aktar skorers proloifiċi fid-dinja tal-football. Mat-team nazzjonali laghab 118-il partita u skorja 66 goals. Ma' Bayern qabeż ukoll il-200 goal.

### PLAYER PROSPETTIV: PIOTR ZIELINSKI

Minkejja li għandu 27 sena, dan il-midfielder ta' Napoli huwa player mill-aktar importanti għall-Pollakki minħabba l-kwalitajiet kif ukoll il-viżjoni tiegħu fejn jaqra l-logħba tant tajjeb. Ilu jilgħab fl-Italja mill-2012 ... ma' Udinese, Empoli u Napoli, hekk kif ilu ħames snin mal-Partenopei.

### QATT KONT TAF?

Jakub Blaszczykowski huwa l-aqwa skorer tal-Euro (2016) ta' kull żmien tal-Polonja bi tliet goals; Lewandowski għandu bżonn goal ieħor biex jilħaq dan ir-rekord.

**Goalkeepers:** Lukasz Fabianski (Juventus), Radosław Majecki (Monaco), Lukasz Skorupski (Bologna), Wojciech Szczesny (West Ham)

**Difensuri:** Jan Bednarek (Southampton), Bartosz Bereszynski (Sampdoria), Pawel Dawidowicz (Verona), Kamil Glik (Benevento), Michal Helik (Barnsley), Tomasz Kedziora (Dinamo K.), Kamil Piatkowski (Rakow C.), Tymoteusz Puchacz (Lech Poznan), Maciej Rybus (Lokomotiv M.)

**Midfielders:** Przemysław Frankowski (Chicago F.), Kamil Jozwiak (Derby C.), Mateusz Klich (Leeds U.), Kacper Kozłowski (Pogon S.), Grzegorz Krychowiak (Lokomotiv M.), Karol Linetty (Torino), Jakub Moder (Brighton), Przemysław Placheta (Nowich C.), Piotr Zielinski (Napoli).

**Attakkanti:** Robert Lewandowski (Bayern M.), Dawid Kownacki (Fortuna D.), Arkadiusz Milik (Olym. Marseille), Karol Swiderski (PAOK), Jakub Swierczok (Piast G.)



# SLOVAKKJA



## COACH: STEFAN TARKOVIC

Kien assistant coach tas-Slovakkja u assuma l-kariga ta' coach b'mod temporanju għat-tieni darba, f'Ottubru li għadda, meta Pavel Hapal telaq mit-tmun wara s-semi-finali tal-play-off, iżda ngħata l-impjieg fuq bażi permanenti, f'Diċembru 2020. Huwa kien fil-coaching staff ta' Jan Kozak, mill-Euro 2016.

## PLAYER EWLIENI: MAREK HAMSÍK

L-iktar player li qatt lagħab għas-Slovakkja u l-aqwa skorer ta' kull żmien, il-captain ta' 33 sena jibqa' l-qalba tat-team nazzjonali. Issa qed jilgħab fiċ-Ċina ma' Dalian Shide. Hamsik jiddetta l-logħob minn nofs il-ground, b'enerġija u stamina dejjiema. Huwa diffiċli li timmaġina li s-Slovakkja jiksbu suċċess mingħajru fit-team. Il-quċċata tal-karriera tiegħu kienet ma' Napoli fejn kiser ir-rekord ta' Giuseppe Bruscolotti bl-aktar dehriet … b'total ta' 512. Fis-6 ta' Mejju, 2018, huwa skorja l-100 goal għall-Partenopei, fid-draw ta' 2-2 kontra Torino.

## PLAYER PROSPETTIV: TOMAS SUSLOV

"Jien kont wgħedt lil missieri li xi darba nilgħab fl-istess team ma' Marek Hamšík," qal il-winger Suslov, u ż-żagħżugħ ta' 18-il sena rriżulta li tabilħaqq kellu raġun. Magħżul mill-akkademja ta' Tatran Presov, il-player xellugi ta' Groningen qed juri prospetti mill-isbaħ għall-futur.

## QATT KONT TAF?

Tmienja mill-ewwel team taċ-Ċekoslovakkja li rebħu l-finali tal-1976 kienu mis-Slovakkja.





Rekord fi Grupp E: L:8; R:4; D:1; T:3; F:13; K:11; Pti:13

Play-offs: Repubbblika tal-Irlanda (h) 0-0, 4-2 bil-penalties; L-Irlanda ta' Fuq (a) 2-1 wara l-ħin barrani

L-aqwa skorers fil-fażi ta' kwalifikazzjoni: Robert Bozenik, Marek Hamsik, Juraj Kucka (3)

L-aħjar pożizzjoni f'din il-kompetizzjoni: L-aħħar 16 (2016)

**Goalkeepers:** Martin Dubravka (Newcastle U.), Marek Rodak (Fulham), Dusan Kuciak (Lechia Gdansk)

**Difensuri:** Peter Pekarik (Hertha Berlin), Lubomir Satka (Lech Poznan), Denis Vavro (Huesca), Milan Skriniar (Inter), Tomas Hubocan (Omonia Nicosia), Jakub Holubek (Gliwice)

**Midfielders:** Marek Hamsik (IFK Goteborg), Stanislav Lobotka (Napoli), Patrik Hrosovsky (Genk), Juraj Kucka (Parma), Ondrej Duda (Cologne), Robert Mak (Ferencvaros), Vladimir Weiss (Slovan Bratislava), Laszlo Benes (Augsburg), Lukas Haraslin (Sassuolo), Tomas Suslov (Groningen), Matus Bero (Arnhem), Erik Jirka (Mirandes)

**Attakkanti:** Michal Duris (Omonoia), Robert Bozenik (Feyenoord), David Strelec (Slovan Bratislava)

# UNGERIJA

## GRUPP F





### COACH: MARCO ROSSI

L-ex difensur Taljan kien ikkowċja fl-Ungerija għal erba' snin ma' Budapest Honved meta ngħata t-tmun tat-team nazzjonali f'Ġunju 2018. Huwa beda l-karriera ta' footballer ma' Torino, fl-1983-84, fejn lagħab ukoll ma' Brescia (1988-93), Sampdoria (1993-95) u Eintracht Frankfurt (1996-97) fost oħrajn.

### PLAYER EWLIENI: WILLI ORBAN

Id-difensur ċentrali ta' Leipzig, Orban, huwa versatili li joffri wkoll theddida fl-attakk. L-erba' goals tiegħu minn meta ddebutta mal-Ungerija, f'Ottubru 2018, jagħmluh it-tieni l-aqwa skorer ta' pajjiżu fl-aħħar sentejn.

**Rekord fi Grupp E:** L:8; R:4; D:0; T:4; F:8; K:11; Pti:12

**Play-offs:** Bulgarija (a) 3-1; L-Iżlanda (h) 2-1

**L-aqwa skorer fil-fażi ta' kwalifikazzjoni:** Willi Orban (3)

**L-aħjar pożizzjoni f'din il-kompetizzjoni:** it-tielet post (1964)

### PLAYER PROSPETTIV: DOMINIK SZOBOSZLAI

Il-midfielder offensiv ta' Salzburg jippossjedi viżjoni kbira u huwa s-sors kreattiv ewlieni tal-Ungerija. Il-fatt li l-ewwel żewġ goals tiegħu bil-flokk tal-Ungerija ġew minn free-kicks diretti juri l-abbiltà letali tiegħu minn sitwazzjonijiet meqjusa bħala 'mejta'; it-tielet goal tiegħu kien dak rebbieħ fil-finali tal-play-off kontra l-Islanda ... li wasal ukoll mid-distanza.

### QATT KONT TAF?

L-Ungerija kisbet post fi tnejn mill-ewwel erba' semi-finali, fl-1964 u fl-1972, iżda ma reġgħetx ikkwalifikat sal-2016.

**Goalkeepers:** Peter Gulacsi (RP Leipzig), Denes Dibusz (Ferencvaros), Adam Bogdan (Ferencvaros)

**Difensuri:** Gerg Lovrencsics (Ferencvaros), Endre Botka (Ferencvaros), Adam Lang (Omonia Nicosia), Akos Kecskes (Lugano), Attila Fiola (Fehervar), Willi Orban (Leipzig), Attila Szalai (Fenerbahce), Bendeguz Bolla (Fehervar)

**Midfielders:** Loic Nego (Fehervar), Adam Nagy (Bristol City), Laszlo Kleinheisler (Osijek), David Siger (Ferencvaros), Daniel Gazdag (Philadelphia Union), Andras Schafer (Dunajska Streda) Tamas Cseri (Mezokpovesd), Filip Holender (Partizan)

**Attakkanti:** Adam Szalai (Mainz), Roland Sallai (Freiburg), Nemanja Nikolic (Fehervar), Kevin Varga (Kasımpaşa), Roland Varga (MTK Budapest), Szabolcs Schon (FC Dallas), Janos Hahn (Paks)



# PORTUGALL



### COACH: FERNANDO SANTOS

Il-coach Bražiljan mexxa lit-tliet clubs il-kbar tal-Portugall, Porto, Benfica u Sporting Lisbon qabel ma ngħata l-inkarigu tat-team nazzjonali fl-2014 wara esperjenza qasira bħala coach tal-Grećja. Huwa mexxiehom għas-suċċess fl-Euro 2016 u l-ewwel edizzjoni tal-UEFA Nations League.

### PLAYER EWLIENI: CRISTIANO RONALDO

Il-player ta' 36 sena huwa l-aktar wieħed li qatt lagħab għall-Portugall u l-aqwa skorer ta' kull żmien tal-istess team u fl-Euro 2020 se jkun qed ifittex li jikseb tragward partikolari: dak li jtemm bħala l-aqwa skorer ta' din il-kompetizzjoni hekk kif qatt ma mexxielu jagħmel dan waqt edizzjoni tal-Kampjonati Ewropej u lanqas waqt dik tat-Tazza tad-Dinja. Fil-karriera tiegħu huwa lagħab ma' Sporting Lisbon, Manchester United, Real Madrid u Juventus.

### PLAYER PROSPETTIV: JOAO FELIX

Attakkant ta' ħila maestuża, il-player ta' Atletico Madrid huwa stilla oħra li jkompli jsaħħaħ lit-team nazzjonali Portugiż diġà mimli talent. Huwa għamel id-debutt mat-team tal-kbar ta' 19-il sena fil-kampanja trijonfanti tal-Portugall fil-UEFA Nations League, fl-2019. Huwa prodott ta' Benfica.

### QATT KONT TAF?

It-telfa, f'Ottubru 2019, kontra l-Ukrajna kienet l-ewwel waħda li sofrew il-Portugall taħt il-gwida tal-coach Fernando Santos f'logħba tal-Euro (jew aħjar Nations League) – f'partita ta' kwalifikazzjoni jew tournament finali Ewropew – sa mill-ħatra tiegħu, f'Settembru 2014. L-uniċi telfiet tiegħu fil-passat kienu fit-Tazza tad-Dinja.



Rekord fi Grupp B: L:8; R:5; D:2; T:1; F:22; K:6; Pti:17

L-aqwa skorer fil-fażi ta' kwalifikazzjoni: Cristiano Ronaldo (11)

L-aħjar pożizzjoni f'din il-kompetizzjoni: Rebbieħa (2016)



**Goalkeepers:** Anthony Lopes (Olympique Lyon), Rui Patricio (Wolves), Rui Silva (Granada).

**Difensuri:** Joao Cancelo (Man City), Nelson Semedo (Wolves), Jose Fonte (Lille), Pepe (Porto), Ruben Dias (Man City), Nuno Mendes (Sporting), Raphael Guerreiro (Borussia D.).

**Midfielders:** Danilo Pereira (Paris St Germain), Joao Palhinha (Sporting), Ruben Neves (Wolves), Bruno Fernandes (Man United), Joao Moutinho (Wolves), Renato Sanches (Lille), Sergio Oliveira (Porto), William Carvalho (Real Betis).

**Attakkanti:** Pedro Goncalves (Sporting), Andre Silva (Eintracht F.), Bernardo Silva (Man City), Cristiano Ronaldo (Juventus), Diogo Jota (Liverpool), Goncalo Guedes (Valencia), Joao Felix (Atletico Madrid), Rafa Silva (Benfica).

# FRANZA

## GRUPP F



Rekord fi Grupp H: P:10 W:8 D:1 L:1 F:25 A:6

L-aqwa skorer fil-fażi ta' kwalifikazzjoni: Olivier Giroud (6)

L-aħjar pożizzjoni f'din il-kompetizzjoni: Rebbieħa (1984, 2000)

**Goalkeepers:** Hugo Lloris (Tottenham H.), Mike Maignan (Lille), Steve Mandanda (Olym. Marseille).

**Difensuri:** Lucas Digne (Everton), Leo Dubois (Lyon), Lucas Hernandez, Benjamin Pavard (Bayern M.), Presnel Kimpembe (Paris SG), Jules Kounde (Sevilla), Clement Lenglet (Barcelona), Raphael Varane (Real Madrid), Kurt Zouma (Chelsea).

**Midfielders:** N'Golo Kante (Chelsea), Thomas Lemar (Atletico Madrid), Paul Pogba (Man United), Adrien Rabiot (Juventus), Moussa Sissoko (Tottenham H.), Corentin Tolisso (Bayern M.)

**Attakkanti:** Wissam Ben Yedder (Monaco), Karim Benzema (Real Madrid), Kingsley Coman (Bayern M.), Antoine Griezman (Barcelona), Ousmane Dembele (Barcelona), Olivier Giroud (Chelsea), Kylian Mbappe (Paris SG), Marcus Thuram (Borussia M.)



### COACH: DIDIER DESCHAMPS

Bħala captain ta' Franza, Deschamps mexxa lil Les Bleus għar-rebħ tat-Tazza tad-Dinja 1998 u l-Euro 2000. Il-coach ta' Franza ilu jokkupa din il-kariga mill-2012 fejn mexxiehom ukoll għall-glorja tat-Tazza tad-Dinja 2018 u din il-fażi finali hija opportunità biex jassigura t-tieni doppjetta internazzjonali tal-karriera tiegħu ... kemm bħala player kif ukoll bħala coach. Fil-karriera tiegħu huwa laghab ma' Marseille, Juventus, Chelsea u Valencia.

### PLAYER EWLIENI: ANTOINE GRIEZMANN

L-influwenza tal-aqwa player u l-aqwa skorer tal-Euro 2016 fit-team kompliet timmatura biż-żmien; huwa skorja tliet goals u pprovda seba' assists fil-fażi ta' kwalifikazzjoni għall-Euro 2020, u minn dakinhar qabeż lil Zinedine Zidane fil-klassifika tal-aqwa skorers ta' kull żmien ta' Franza.

### PLAYER PROSPETTIV: CLEMENT LENGLET

Id-difensur ċentrali stabbilixxa ruħu mingħajr wisq diffikultà ma' Barcelona u, wara li għamel id-debutt tiegħu mat-team tal-kbar ta' Franza, f'Ġunju 2019, issa jidher li se jkun l-ewwel għażla flimkien ma' Raphael Varane fil-qalba tad-difiża ta' Deschamps.

### QATT KONT TAF?

Franza se tkun qed tieħu sehem fit-13-il kampjonat maġġur konsekuttiv. Huma ma tilfux edizzjoni mit-Tazza tad-Dinja 1994, u laħqu ħames finali matul dik is-sekwenza, u rebħu tlieta minnhom.



# ĠERMANJA



## COACH: JOACHIM LOEW

L-aqwa skorer ta' kull żmien ta' Freiburg, Loew, ilu coach tal-Ġermanja mill-2006, u ispirahom għall-glorja tat-Tazza tad-Dinja fl-2014. Huwa mistenni jirriżenja wara din il-fażi finali hekk kif se jkun l-aktar coach fit-tmun tat-team nazzjonali, b'total ta' 15-il sena.

## PLAYER EWLIENI: TONI KROOS

Wieħed mill-ftit veterani tar-rebħ tat-Tazza tad-Dinja 2014 li fadal fi skwadra żagħżugħa, Kroos huwa player eċċezzjonali li jiddetta min-nofs il-ground. Huwa rebaħ player dekorat li rebaħ kollox maż-żewġ timijiet ta' Bayern Munich (2007-14) u Real Madrid (2014).

## PLAYER PROSPETTIV: KAI HAVERTZ

Indurat b'viżjoni mill-aqwa waqt li jibqa' kalm anke taħt pressjoni, Havertz qed jitqies bħala wieħed mill-prospetti sbieħ għall-futur tat-team nazzjonali tal-Ġermanja. Fil-bidu tal-istaġun, huwa ngħaqad ma' Chelsea minghand Bayer Leverkusen fejn kien ukoll l-eroj tal-Pensioners meta skorja l-uniku goal fil-finali tal-UEFA Champions League kontra Manchester City.

## QATT KONT TAF?

Dan it-tournament se jkun is-26 wieħed maġġur (Tazza tad-Dinja u Euro) konsekuttiv għall-Ġermanja.



Rekord fi Grupp C: L:8; R:7; D:0; T:1; F:30; K:7; Pti:21

L-aqwa skorer fil-fażi ta' kwalifikazzjoni: Serge Gnabry (8)

L-aħjar pożizzjoni f'din il-kompetizzjoni: Rebbieħa (1972, 1980, 1996)



**Goalkeepers:** Manuel Neuer (Bayern M.), Kevin Trapp (Eintracht F.); Bernd Leno (Arsenal).

**Difensuri:** Antonio Rudiger (Chelsea); Mats Hummels (Borussia D.), Emre Can (Borussia D.), Matthias Ginter (Borussia M.); Niklas Suele (Bayern M.); Lukas Klostermann (RB Leipzig), Marcel Halstenberg (RB Leipzig); Robin Gosens (Atalanta); Robin Koch (Kaiserslautern); Christian Gunte (Freiburg).

**Midfielders:** Joshua Kimmich (Bayern M.), Leon Goretzka (Bayern M.), Leroy Sane (Bayern M.), Jamal Musiala (Bayern M.); Ilkay Gundogan (Man City); Kai Havertz (Chelsea); Toni Kroos (Real Madrid); Jonas Hofmann (Borussia M.), Florian Neuhaus (Borussia M.).

**Attakkanti:** Serge Gnabry (Bayern M.), Thomas Muller (Bayern M.); Timo Werner (Chelsea); Kevin Volland (Monaco).

# IL-FINALI KOLLHA

## 1960



10 ta' Ġunju 1960
Parc des Princes (Pariġi)

**UNJONI SOVJETIKA v JUGOSLAVJA.................. 2-1**
(wara l-ħin barrani)
*Milan Galic 43 (J) Slava Metreveli 49, Viktor Ponedelnik 113 (US)*

## 1964



21 ta' Ġunju 1964
Santiago Bernabeu (Madrid)

**SPANJA v UNJONI SOVJETIKA................2-1**
*Jesus Maria Pereda 6, Marcelino Martinez 84 (S)*
*Galimzyan Khusainov 8 (US)*

## 1984



27 ta' Ġunju 1984
Parc des Princes (Pariġi)

**FRANZA V SPANJA............2-0**
*Michel Platini 57, Bruno Bellone 90 (F)*

## 1968



8 ta' Ġunju 1968
Stadio Olimpico (Ruma)
**Italja v Jugoslavja..........................1-1**
(wara l-ħin barrani)
*Dragan Dzajic 39 (J)*
*Angelo Domenghini 80 (I)*

**Replay**
10 ta' Ġunju 1968
Stadio Olimpico (Ruma)

**ITALJA v JUGOSLAVJA..............2-0**
*Luigi Riva 12, Pietro Anastasi 31 (I)*

## 1972



18 ta' Ġunju 1972
Heysel Stadium (Brussels)

**ĠERMANJA TAL-PUNENT v UNJONI SOVJETIKA**
**...............................................3-0**
*Gerd Muller 27, 58, Herbert Wimmer 52 (ĠP)*

## 1980



22 ta' Ġunju 1980
Stadio Olimpico (Ruma)

**BELĠJU v ĠERMANJA TAL-PUNENT .................1-2**
*Horst Hrubesch 10, 88 (ĠP)*
*Rene Vandereycken 75 pen (B)*

## 1976



20 ta' Ġunju 1976
Red Star Stadium (Belgrade)

**ĊEKOSLOVAKKJA v ĠERMANJA TAL-PUNENT .............2-2**
(**Ċekoslovakkja** 5-3 bil-penalties)
*Jan Svehlik 8, Karol Dobias 25 (Ċ)*
*Gerd Muller 28, Bernd Holzenbein 89 (ĠP)*

## 1988



25 ta' Ġunju 1988
Olympic Stadium (Munich)
**UNJONI SOVJETIKA v OLANDA ........................0-2**
*Ruud Gullit 32, Marco van Basten 54 (O)*

## 2000




2 ta' Lulju 2000
De Kuip Stadium (Rotterdam)
**FRANZA v ITALJA ..........................2-1**
(Wara l-**hin** barrani – golden goal)
*Marco Delvecchio 55 (I)*
*Sylvain Wiltord 90+3,*
*David Trezeguet 103 (F)*

## 2004



4 ta' Lulju 2004
Estadio de Luz (Lisbona)
**PORTUGALL v GREĊJA ............0-1**
*Angelos Charisteas 57 (G)*

## 2008



29 ta' Ġunju 2008
Ernst Happoel Stadium (Vjenna)
**ĠERMANJA v SPANJA ..........................0-1**
*Fernando Torres 33 (S)*

## 1992



26 ta' Ġunju 1992
Ullevi Stadium (Gothenburg)
**DANIMARKA v ĠERMANJA ..............................2-0**
*John Jensen 18, Kim Vilfort 78 (D)*

## 2012



1 ta' Lulju 2012
Olympic Stadium (Kiev)
**SPANJA v ITALJA ....................4-0**
*David Silva, 14, Jordi Alba 41,*
*Fernando Torres 84,*
*Juan Mata 88 (S)*

## 1996



30 ta' Ġunju 1996
Wembley Stadium (Londra)
**REPUBBLIKA ĊEKA v ĠERMANJA ...................1-2**
(Wara l-**hin** barrani – golden goal)
*Patrik Berger 59 pen (RĊ)*
*Oliver Bierhoff 73, 95 (Ġ)*

## 2016



10 ta' Lulju 2016
Stade de France (St Denis)
**PORTUGALL v FRANZA .....................1-0**
(Wara l-**hin** barrani)
*Eder 109 (P)*

**The Garage Door People**

FGP Ltd is Malta's largest and longest established garage door manufacturer. Supplying all kinds of custom made residential, commercial & industrial garage doors, gates and remote control automations.



**FGP Ltd**
**109, Valletta Road Luqa. Tel: 21673627, 21667107/8, Email: sales@fgp.com.mt Web: www.fgp.com.mt**



**FRANKIT LIMITED**

**Importers Of Japanese, Commercial Vehicles, Engines & Spare parts.**



**Mill Str. Qormi T 2148 7649 F 2144 3910**
**E frankitltd@gmail.com**

**Rombla Garage**
**Auto Mechanic**

*Services of various car models, Specialising in FIAT, Alfa Romeo, Hyundai & BMW*
*Full A/C Services, Diagnostic Test*
*Secondhand parts for Alfa and FIAT*

*Triq il-Kummerċ, Qormi Tel: 2147 2638 - 9949 8088*



# Il-CORONAVIRUS
# L-ISPORT
# U L-UNJONI EWROPEA

**Il-pandemija ħarbtet lid-dinja sportiva daqskemm ħarbtet lill-individwi, lis-soċjetajiet u l-ekonomiji. Minkejja li pajjiżi differenti kellhom impatt differenti u rreaġixxew b'modi differenti għall-pandemija, kullimkien b'xi mod jew ieħor, nistgħu ngħidu li tharbtu l-avvenimenti sportivi u l-kompetizzjonijiet f'kull livell, inkluż il-postponiment tal-logħob Olimpiku u l-kampjonati tal-football fuq livell nazzjonali u Ewropew.**




JOE SCIBERRAS
Kap tal-Komunikazzjoni u Outreach ta' Servizzi Ewropej f'Malta – SEM


> "Wara kollox, l-isport huwa kruċjali f'ħajjitna, mhux biss għas-saħħa individwali, imma wkoll biex jibni soċjetà b'saħħitha."

Il-Kummissjoni Ewropea, f'Novembru tas-sena l-oħra kkummissjonat studju intitolat, 'Mapping Study on measuring the economic impact of COVID-19 on the sport sector in the EU', li stħarreġ l-effetti tal-pandemija fuq il-qasam tal-isport. Mir-rapport ta' dan l-istudju ħareġ li fl-Unjoni Ewropea ntilfu mas-€57 miljun fil-prodott domestiku gross u ġew affettwati 'l fuq minn madwar miljun impjieg relatati mal-isport, mhux biss f'livell professjonali, imma wkoll għal dawk li jipprovdu servizzi relatati, bħall-apparat sportiv, il-faċilitajiet sportivi, l-ivvjaġġar, it-turiżmu, it-trasport u l-media, fost l-oħrajn. L-iktar impatt li nħass kien marbut mas-servizzi sportivi (klabbs u faċilitajiet) u l-ivvjaġġar, inkluż l-akkomodazzjoni.

Minn studju li sar is-sena l-oħra mis-servizz ta' riċerka tal-Parlament Ewropew mal-kumitati nazzjonali Olimpiċi fl-Ewropa, ħareġ li iktar minn 93% kellhom inaqqsu l-attivitajiet tagħhom u l-atleti ma setgħux jużaw il-faċilitajiet tagħhom. Waqt li klabbs sportivi kbar setgħu jkampaw mat-telf finanzjarju, l-organizzazzjonijiet mhux professjonali, li jiddependu mill-volontarjat u mid-dħul mill-fundraising, sabu diffikultajiet kbar biex ikampaw.

Waqt li l-UE ħadet ħafna miżuri biex tirreaġixxi għall-effetti negattivi tal-pandemija, b'mod partikolari biex tnaqqas l-imxija u jinstabu l-vaċċini u biex tgħin il-pajjiżi jiffaċċjaw l-impatti fuq is-soċjetà u fuq l-ekonomija, l-UE hi limitata fil-kompetenzi tagħha direttament fil-qasam tal-isport. Min-naħa l-oħra, ħafna mill-inizjattivi li ttieħdu, setgħu indirettament jgħinu, bħalma kienet l-inizjattiva SURE – strument ta' għajnuna finanzjarja biljunarja lill-Istati Membri biex jipproteġu l-impjiegi u l-ħaddiema affettwati mill-pandemija.

Kif id-dinja tibda tirkupra, ikun essensjali li jiġu indirizzati u żgurati s-sigurtà tal-attivitajiet sportivi fuq kull livell u kif ukoll is-sikurezza tal-atleti u l-organizzazzjonijiet sportivi. Hawn tidħol ir-responsabbiltà ta' kulħadd biex nassiguraw dawn iż-żewġ elementi importanti, waqt li l-isport organizzat jerġa' jaqbad ir-ritmu għall-ġid ta' kulħadd.

Wara kollox, l-isport huwa kruċjali f'ħajjitna, mhux biss għas-saħħa individwali, imma wkoll biex jibni soċjetà b'saħħitha. Meta ngħidu soċjetà b'saħħitha ma nifhmux biss is-saħħa fiżika u mentali, imma s-saħħa ta' komunitajiet li jaħdmu kontra r-razziżmu, l-esklużjoni soċjali u l-inugwaljanzi. L-UE tenfasizza ħafna dawn l-elementi, b'mod speċjali permezz tal-isport li jilgħab parti importanti ħafna f'dan ir-rigward. Infatti, madwar l-UE u anki f'Malta saru diversi proġetti bil-fondi tal-UE f'dawn l-oqsma.

L-aġenzija Servizzi Ewropej f'Malta (SEM), magħrufa qabel bħala MEUSAC, tista' tgħin għaqdiet sportivi biex jiksbu informazzjoni dwar fondi Ewropej u japplikaw għalihom bi proġetti kompetittivi. Tingħata għajnuna bla ħlas, kemm biex jiġi żviluppat il-proġett u kif ukoll biex timtela l-applikazzjoni neċessarja u jinġabru d-dokumenti rikjesti mis-sejħa partikolari. Apparti dan, l-Aġenzija SEM issa tista' tgħin ukoll fl-implimentazzjoni tal-proġetti. B'hekk, qed jiġi offrut servizz holistiku li permezz tiegħu entitajiet sportivi jistgħu jingħataw l-informazzjoni neċessarja, u kif ukoll l-għajnuna li hemm bżonn, kemm biex japplikaw għall-fondi u kemm biex jimplimentaw il-proġett.

Dawk interessati jkunu jafu aktar jistgħu jikkuntattjaw lil SEM bit-telephone 2200 3300 jew bl-email info.sem@gov.mt. Għandna wkoll il-paġna ta' Facebook, facebook.com/servizziewropej, u l-website www.sem.gov.mt.

SEM
Servizzi Ewropej f'Malta

"Bil-Qari u l-Kitba Niskorja"

# TIR STUPEND
## GOLDEN GOAL




ta' DANIELA ATTARD
mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Waqt il-pandemija COVID-19, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu holqot programm online bl-isem ta' 'Tir Stupend/Golden Goal'. Dan il-programm, li kien ispirat mill-programm 'Bil-Qari u l-Kitba Niskorja/Footballers Read and Write Programme" tal-Aġenzija, kien mifrux fuq għaxar sessjonijiet u fih ħadu sehem tfal tar-raba' u l-ħames sena tal-primarja.**

Il-miri edukattivi tal-sessjonijiet ittieħdu mill-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim (Learning Outcomes Framework) tal-Malti u l-Ingliż. Is-sessjonijiet kien twal 45 minuta u varjaw minn deskrizzjonijiet ta' persuni, oġġetti, postijiet u avvenimenti speċjali, għal għoti ta' direzzjonijiet, regoli ta' logħob u ikel bnin. Kull sessjoni kienet marbuta mal-futbol jew xi sport ieħor.

Dawn is-sessjonijiet intlaqgħu tajjeb ħafna mill-għalliema tant li saru u għadhom qed isiru sessjonijiet ma' ħafna klassijiet ta' skejjel primarji ta' Malta u Għawdex. L-għalliema setgħu jagħżlu jekk is-sessjonijiet ikunux bil-Malti jew bl-Ingliż jew bit-tnejn. Kull sessjoni tkopri l-ħiliet kollha tal-lingwa, jiġifieri, il-kitba, l-qari, it-taħdit u t-tismigħ.

Il-promoturi tal-litteriżmu tal-Aġenzija ħejjew is-sessjonijiet interattivi ta' 'Tir Stupend' b'tali mod li l-istudenti setgħu jsegwuhom fuq il-bord interattiv tal-klassi tagħhom. Kull sessjoni ġeneralment tibda b'diskussjoni qasira mal-istudenti fuq stampa jew filmat qasir. Uħud mis-sessjonijiet jinkludu siltiet minn kotba sportivi, segwiti b'mistoqsijiet li jistgħu jitwieġbu fil-klassi. Waqt is-sessjoni, l-istudenti jkollhom l-opportunità jaqraw siltiet interessanti fuq varjetà ta' suġġetti. Fis-sessjonijiet isir logħob bħal 'Ħaġa Moħġaġa' u 'Staqsini Għoxrin' fejn l-istudenti jitgħallmu b'mod divertenti. Il-promoturi tal-litteriżmu jkunu dejjem f'kuntatt mal-għalliema u jibagħtulhom xogħol li t-tfal ikunu jistgħu jagħmlu d-dar wara s-sessjoni. Il-kitbiet tal-istudenti qegħdin jiġu ppubblikati fuq il-paġna ta' Facebook ta' dan il-programm.

> "Il-promoturi tal-litteriżmu tal-Aġenzija ħejjew is-sessjonijiet interattivi ta' 'Tir Stupend' b'tali mod li l-istudenti setgħu jsegwuhom fuq il-bord interattiv tal-klassi tagħhom."

QARI



Minbarra dan il-programm, il-promoturi tal-litteriżmu tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu jtellgħu żewġ filmati kuljum, wieħed bil-Malti u ieħor bl-Ingliż, dwar kotba, rivisti jew artikli sportivi. Dawn il-filmati tar-rokna informattiva '3 fit-3' ikun fihom tliet fatti kurjużi dwar il-futbol jew xi sport ieħor b'tema differenti kull ġimgħa. Min ikun jixtieq jarahom isibhom fil-paġna ta' Facebook tal-programm, 'Bil-Qari u l-Kitba Niskorja'.

Lit-tfal li jħobbu l-logħba tal-ballun u twieldu bejn l-2008 u l-2013, l-Aġenizja offritilhom l-opportunità jieħdu sehem b'mod individwali fi sfidi kalċistiċi wara l-ħin tal-iskola u fil-vaganzi. Dawn l-attivitajiet ġew organizzati mill-promoturi tal-qari permezz tal-isport Gilbert Agius, Carmel Busuttil, u Saviour Darmanin. L-isfidi kienu jinkludu dawn il-ħiliet: juggling, passing with time pressure, cross bar challenge, scoring through the hoop u l-banana shot.

Kull min jipparteċipa fl-isfidi kalċistiċi jingħata ktieb, ċertifikat iffirmat mit-tliet ex-plejers tat-tim nazzjonali Malti u tifkiriet tal-okkażjoni. Dawk it-tfal li jirnexxilhom jegħlbu l-isfidi jingħataw żewġ kotba u ballun iffirmat mill-istess promoturi. L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, fit-twettiq ta' kull attività u programm, dejjem timxi mal-istruzzjonijiet ta' saħħa u sigurtà mogħtija mis-Supretendenza tas-Saħħa Pubblika. L-isfidi kalċistiċi qegħdin isiru wkoll minn plejers tal-futbol lokali u barranin li jilagħbu ma' timijiet Maltin u Għawdxin.

Min ikun jixtieq iktar tagħrif fuq dawn l-inizjattivi jista' jżur il-paġna ta' Facebook 'Bil-Qari u l-Kitba Niskorja/Footballers Read and Write Programme' jew iċempel 2598 3324.






Maltco LOTTERIES is authorised by the mga MALTA GAMING AUTHORITY operating under licence no. LGA/NL/02

PLAY RESPONSIBLY | 18+ www.rgf.org.mt